Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/2144(DEC)

24.1.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2144(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Tomáš Zdechovský

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") iddikjarat li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) għas-sena finanzjarja 2022 huma affidabbli, legali u regolari fl-aspetti materjali kollha; jiddispjaċih li ammont totali ta' EUR 4,2 miljun kien infiq mhux konformi li qabeż il-livell limitu ta' materjalità stabbilit għall-awditu, u għalhekk dan wassal lill-Qorti biex tagħti opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti;

2. Jilqa' l-fatt li ttieħdu azzjonijiet korrettivi xierqa biex jiġu indirizzati ħafna mill-osservazzjonijiet formulati mill-Qorti għas-snin preċedenti; jinnota bi tħassib li mill-2020, il-Qorti qajmet osservazzjonijiet relatati mal-akkwist dwar dgħufijiet u irregolaritajiet kull sena; jinnota wkoll li fl-2021 u fl-2022, dawn l-osservazzjonijiet affettwaw il-pagamenti; jiddispjaċih li waħda mill-osservazzjonijiet relatata mal-proċeduri ta' akkwist mis-snin preċedenti għadha ma ġietx indirizzata;

3. Jissottolinja li s-CEPOL tilħaq direttament biss frazzjoni żgħira tal-popolazzjoni fil-mira tagħha permezz tal-attivitajiet ta' taħriġ tagħha minħabba d-daqs relattivament żgħir u l-baġit annwali tagħha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq studju ta' evalwazzjoni tal-fattibbiltà tal-fużjoni tas-CEPOL ma' aġenziji oħra li jinsabu fl-istess ambitu ta' kompetenza;

4. Jinnota li l-bażi tal-opinjoni kwalifikata tal-Qorti dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet kienu t-talbiet għal servizzi u l-pagamenti assoċjati kollha li saru fl-ambitu ta' żewġ kuntratti qafas; ifakkar fir-rispons tas-CEPOL li minkejja d-dgħufija fil-formalizzazzjoni tal-impenn legali, is-servizzi ġew ordnati f'konformità mal-ħtiġijiet u l-kontrolli tas-CEPOL u li ma ġġarrab l-ebda telf; jinnota wkoll l-osservazzjoni tal-Qorti dwar id-dgħufija fl-implimentazzjoni ta' kuntratt qafas għas-servizzi editorjali edukattivi fl-2022 u l-konklużjoni li l-pagamenti kollha eżegwiti fl-ambitu dan il-kuntratt qafas, li fl-2022 ammontaw għal EUR 152 655, huma irregolari; jiddispjaċih li, is-sejbiet tal-Qorti żvelaw li l-ammont ta' xogħol imħallas ma kienx jikkorrispondi għall-ammont effettivament imwettaq u li kien hemm nuqqas ta' evidenza essenzjali ta' awditu li tiġġustifika l-ammonti mħallsa; jinnota li s-CEPOL introduċiet miżuri korrettivi fir-rigward tal-irregolaritajiet misjuba;

5. Jilqa' l-fatt li fl-2022, is-CEPOL wettqet 418-il attività ta' taħriġ, li fihom ipparteċipaw 43 838 uffiċjal tal-infurzar tal-liġi, u implimentat b'suċċess 296 skambju; japprezza wkoll id-Dokument ta' Strateġija mill-Grupp ta' Esperti dwar id-Drittijiet Fundamentali intiż biex jinkludi l-aspetti fundamentali fl-attivitajiet kollha ta' taħriġ; jinnota b'sodisfazzjon li fl-2022 ġie organizzat taħriġ *ad hoc* dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti investigattivi; jilqa' l-azzjonijiet speċifiċi ta' taħriġ dwar suġġetti ta' reati ta' mibegħda, sabiex jinxtered għarfien dwar soluzzjonijiet effettivi ta' appoġġ għall-vittmi;

6. Ifakkar li t-taħriġ fl-infurzar tal-liġi fil-livell tal-UE jeħtieġ li jirrifletti l-prijoritajiet tal-UE f'konformità mal-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-Istati Membri u jappoġġja r-rispons tal-UE

għall-kriminalità serja u organizzata u theddid ieħor għas-sigurtà interna, u jfakkar ukoll li l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali għandha tkun pilastru ċentrali fl-attivitajiet ta' formazzjoni tas-CEPOL; jieħu nota tal-attivitajiet ta' taħriġ fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż dwar il-finanzjament tat-terroriżmu, it-terroriżmu u l-armi tan-nar, il-ġellieda terroristi barranin u tal-attivitajiet diretti kontra l-estremiżmu u r-radikalizzazzjoni; jappella għal aktar taħriġ dwar iċ-ċiberkriminalità, il-forensika ċibernetika, l-intelliġenza artifiċjali, il-protezzjoni tad-data, id-drittijiet fundamentali u l-ġlieda kontra r-razziżmu fil-livell tal-UE; jistieden lis-CEPOL tiżgura, fl-attivitajiet kollha tagħha, trasparenza sħiħa u rispett sħiħ lejn id-drittijiet fundamentali u l-liġi internazzjonali, b'mod partikolari fl-attivitajiet tagħha ma' pajjiżi terzi;

7. Japprezza wkoll li s-CEPOL organizzat sensiela ta' webinars bħala rispons għall-gwerra fl-Ukrajna u analiżi speċifika *ad hoc* tal-ħtiġijiet ta' taħriġ; u li s-CEPOL appoġġjat l-uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali Ukren fl-iżvilupp ta' taħriġ dwar l-Intelligence b'Sors Miftuħ, kif ukoll offriet siġġijiet addizzjonali lill-parteċipanti Ukreni fl-attivitajiet ta' taħriġ fejn possibbli;

8. Jieħu nota tal-kooperazzjoni b'saħħitha ma' pajjiżi terzi, aġenziji, korpi u networks tal-UE b'mod partikolari mal-Europol, l-Eurojust, il-Frontex, l-EJTN, il-Kummissjoni Ewropea, l-EMCDDA, l-EUIPO, il-FRA, l-EASO, u ma' organizzazzjoni internazzjonali; bħall-Interpol;

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	23.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 51 –: 1 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Patricia Chagnon, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Laura Ferrara, Nicolaus Fest, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in ‘t Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Jana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Cyrus Engerer, José Gusmão, Beata Kempa, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Anne-Sophie Pelletier, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrus Ansip, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Marisa Matias, Caroline Nagtegaal

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

51	+
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Vincenzo Sofo
NI	Laura Ferrara
PPE	Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Maria Walsh, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Andrus Ansip, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Caroline Nagtegaal, Maite Pagazaurtundúa, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Jana Toom
S&D	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Cyrus Engerer, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Isabel Santos, Birgit Sippel
The Left	Cornelia Ernst, José Gusmão, Marisa Matias, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

1	-
NI	Milan Uhrík

3	0
ID	Patricia Chagnon, Nicolaus Fest, Tom Vandendriessche

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni